IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.3.2018
SWD(2018) 53 final/2

DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-liġi applikabbli għall-effetti ta' partijiet terzi taċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar il-liġi applikabbli għall-effetti proprjetarji tat-tranżazzjonijiet ta' titoli

{COM(2018) 96 final} - {COM(2018) 89 final} - {SWD(2018) 52 final}

MT MT

Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar:

Proposta għal Regolament dwar il-liġi applikabbli għall-effetti ta' partijiet terzi taċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet

kif ukoll

Komunikazzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-effetti proprjetarji tat-tranżazzjonijiet ta' titoli

A. Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għalfejn? X'inhi l-problema li qiegħda tiġi indirizzata?

Din l-inizjattiva tindirizza l-problema li teżisti minħabba n-nuqqas ta' ċertezza legali fir-rigward ta' liema liġi nazzjonali tiddetermina l-effetti propjetarji ta' ċessjonijiet transfruntiera ta' pretensjonijiet u tranżazzjonijiet ta' titoli. Peress li, f'xenarju transfruntier, jistgħu potenzjalment japplikaw bosta liġijiet nazzjonali, il-parteċipanti fis-suq jeħtieġu ċarezza dwar liema minn fost dawn il-liġijiet ikunu jridu josservaw sabiex jiżguraw li huma jakkwistaw titolu legali fuq il-pretensjoni jew it-titolu.

Bħalissa, ma hemm l-ebda regoli fl-UE dwar il-kunflitt tal-liġijiet rigward l-effetti proprjetarji taċ-ċessjonia tal-pretensjonijiet u r-regoli tal-Istati Membri dwar il-konfliti tal-liġijiet mhumiex konsistenti u ċari. Rigward titoli, ir-regoli dwar il-konflitt tal-liġijiet fejn jidħlu l-effetti propjetarji tat-tranżazzjonijiet f'titoli huma stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu u Kollateral Finanzjarju, id-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu u fid-Direttiva dwar l-Istralċ. Dawn id-dispożizzjonijiet huma simili fis-sens li huma kollha jidentifikaw liġi applikabbli abbażi tal-post fejn ikun ir-reġistru jew il-kont tat-titoli relevanti. Madankollu, dawn ivarjaw fejn jidħlu dettalji u r-regoli ma humiex redatti b'mod identiku u jiġu implimentati b'mod differenti madwar l-UE.

In-nuqqas ta' ċertezza legali li jeżisti bħalissa joħloq riskju legali fi tranżazzjonijiet transfruntiera. Jekk il-parteċipanti fis-suq ma jkunux konxji tar-riskju jew jagħżlu li jinjorawh, dawn jistgħu jispiċċaw ħabbtu wiċċhom ma' telf mhux mistenni; jekk jiddeċiedu li jtaffu r-riskju billi jfittxu parir legali speċifiku, iġarrbu spejjeż ogħla għat-tranżazzjonijiet; jekk ir-riskju legali jiskoraġġihomi u jagħżlu li jevitawh, jistgħu jitilfu opportunitajiet ta' negozju u b'hekk tonqos l-integrazzjoni fis-suq.

Iċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet huwa mekkaniżmu legali użat mill-kumpaniji biex ikollhom aċċess għall-finanzi. Il-pretensjonijiet jiġu ċeduti fil-fatturament u t-titolizzazzjoni kif ukoll bħala kollateral biex jinkiseb il-kreditu. Il-valur tas-suq tal-fatturament kien stmat fil-livell ta' EUR 1 557 biljun fl-2015; madwar 25 % tat-tranżazzjonijiet kollha fis-suq finanzjarju ffinanzjati mill-Eurosistema huma ggarantiti bi pretensjonijiet ta' kreditu bħala kollateral, li jammontaw għal madwar EUR 520 biljun; u l-volum tas-suq tal-ħruġ ta' titolizzazzjoni kien ta' EUR 237,6 biljun fi ħdan l-UE fl-2016. Fl-2015 kien hemm ammont stmat ta' 440 triljun tranżazzjoni transfruntiera f'titoli.

Il-partijiet interessati milquta direttament mir-riskju legali fit-tranżazzjonijiet transfruntiera fejn jidħlu pretensjonijiet u titoli huma l-istituzzjonijiet finanzjarji (bħalma huma banek involuti fis-self, il-fatturizzazzjoni, il-kollateralizzazzjoni u t-titolizzazzjoni), l-intermedjarji finanzjarji li jagħmlu tranżazzjonijiet f'titoli u pretensjonijiet, l-investituri aħħarija (fondi, investituri fil-livell tal-konsumatur) u dawk li jissellfu (klijenti mhux professjonali u d-ditti, inklużi l-SMEs).

X'mistenni jinkiseb b'din l-inizjattiva?

L-objettiv ta' politika ta' din l-inizjattiva huwa li tiġi pprovduta ċertezza legali għat-tranżazzjonijiet transfruntiera fil-pretensjonijiet u t-titoli billi tiġi ċċarata liema liġi nazzjonali għandha tirregola l-effetti proprjetarji ta' tali tranżazzjonijiet u, b'hekk, jiġi inkoraġġit l-investiment transfruntier u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kreditu. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tadotta regoli komuni dwar il-konflitt tal-liġijiet, li jkunu applikabbli għall-effetti proprjetarji taċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet u biex jiġu ċċarati l-fehmiet tal-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli eżistenti tal-UE dwar kunflitt tal-liġijiet fejn jidħlu l-effetti proprjetarji ta' tranżazzjonijiet ta' titoli, b'tali mod li dawn ir-regoli jiġu applikati b'mod konsistenti madwar l-UE kollha.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Meta jiġu indirizzati l-problemi deskritti fil-livell tal-UE ikun hemm valur miżjud ċar. Fejn jidħlu pretensjonijiet, l-inċertezza legali li teżisti bħalissa kif ukoll ir-riskju legali li jinħolqu huma kkawżati minn regoli inkonsistenti u mhux ċari fejn jidħlu l-konflitti tal-liġijiet. Fir-rigward tal-pretensjonijiet, 80 % tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati fl-istudju kkummissjonat mill-Kummissjoni u 70 % tal-partijiet ikkonċernati li esprimew opinjoni fil-konsultazzjoni pubblika dehrilhom li azzjoni mill-UE jkollha valur miżjud. Fejn jidħlu t-titoli, il-Komunikazzjoni dwar it-titoli se twettaq l-objettiv li tidħol aktar ċarezza, tittejjeb it-trasparenza tar-regoli eżistenti madwar l-UE mingħajr ma jkun hemm xi tfixkil għall-acquis eżistenti tal-UE, ħaġa li dawk ikkonċernati jwissu kontriha.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm xi għażla ppreferuta jew le? Għalfejn?

L-inċertezza legali li teżisti bħalissa u r-riskju legali konsegwenti fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet transfruntiera jirriżultaw min-nuqqas ta' regoli dwar kunflitt tal-liġijiet li jolqtu l-effetti propjetarji taċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet fil-livell tal-UE u mill-koeżistenza ta' regoli dwar kunflitti tal-liġijiet tal-Istati Membri li huma inkonsistenti u mhux ċari. Sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali għal assenjazzjonijiet ta' pretensjonijiet transfruntiera u b'hekk jiġi ffaċilitat l-aċċess għal finanzjament irħas għall-kumpaniji, inklużi l-SMEs, u l-konsumaturi, l-għażla preferuta hija l-adozzjoni ta' inizjattiva leġiżlattiva tal-UE li tarmonizza r-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet fuq l-effetti fuq partijiet terzi taċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet. Bl-identifikazzjoni b'mod uniformi ta' liema liġi nazzjonali għandha tapplika fl-istabbiliment tad-drittijiet ta' sjieda fuq il-pretensjonijiet ċeduti, kwalunkwe tilwim dwar tali drittijiet ta' proprjetà jiġi riżolt skont l-istess liġi nazzjonali irrispettivament minn liema awtorità ta' Stat Membru tkun eżaminat il-każ.

Fil-qasam tar-regoli dwar kunflitti tal-liġijiet li jolqtu l-effetti propjetarji ta' tranżazzjonijiet f'titoli, ġew ivvalutati kemm l-opzjonijiet leġiżlattivi kif ukoll dawk mhux leġiżlattivi. L-opzjoni ta' politika ppreferuta hija dik mhux leġislattiva, jiġifieri l-ħruġ ta' Komunikazzjoni li tiċċara l-fehmiet tal-Kummissjoni fir-rigward ta' ċerti aspetti tat-tliet Direttivi eżistenti. Ir-raġunijiet għal din l-għażla huma dawn li ġejjin: (1) ftit hemm evidenza tanġibbli ta' riskji li mmaterjalizzaw; (2) id-Direttivi diġà jindirizzaw il-kwistjonijiet legali ewlenin fi ħdan l-UE, għalkemm mhux f'livell internazzjonali; (3) il-preferenzi tal-partijiet konċernati huma differenti ħafna; u (4) jista' jkun li l-azzjoni leġiżlattiva ma tkunx tista' tieħu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi futuri internazzjonali u teknoloġiċi. L-opzjoni ppreferuta li tinħareġ Komunikazzjoni li tiċċara l-fehmiet tal-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet eżistenti rigward il-kunflitti tal-liġijiet tista' tipprovdi aktar ċarezza mingħajr ebda konsegwenzi negattivi fuq xi gruppi ta' partijiet interessati jew effetti "lock-in" fir-rigward ta' żviluppi futuri ta' politika f'dan il-qasam.

Min jappoġġa liema opzjoni?

Fir-rigward tal-pretensjonijiet, il-partijiet interessati ntalbu jgħidu, fl-istudju kkummissjonat mill-Kummissjoni u fil-konsultazzjoni pubblika, x'inhuma l-preferenzi tagħhom dwar il-liġi li għandha tapplika għall-effetti proprjetarji taċ-ċessjonijiet transfruntiera ta' pretensjonijiet . Fl-istudju kkummissjonat mill-Kummissjoni, 44 % tal-partijiet interessati kkonsultati kienu favur il-liġi tar-residenza abitwali taċ-ċedent u 30 % kienu favur il-liġi tal-Istat tal-pretensjoni ċeduta. Fil-konsultazzjoni pubblika, minn dawk il-partijiet interessati li esprimew opinjoni, 57 % urew li kienu favur il-liġi tar-residenza abitwali taċ-ċedent u 43 % kienu favur il-liġi tal-Istat tal-pretensjoni ċeduta. F'laqgħa ta' esperti mill-Istati Membri dwar il-kunflitti tal-liġijiet li saret f'Settembru 2017, l-Istati Membri kellhom fehmiet differenti dwar il-liġi applikabbli preferuta tagħhom.

Fir-rigward ta' titoli, fil-konsultazzjoni pubblika l-opzjoni preferuta tad-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli (CCSs), kif ukoll ta' partijiet interessati oħra kienet li ma tittieħed l-ebda azzjoni leġiżlattiva. Gruppi diversi ta' partijiet interessati huma favur reviżjoni tat-tliet Direttivi, u għadd ta' partijiet interessati oħra huma favur li titressaq proposta ta' inizjattiva ġdida. Madankollu, il-partijiet interessati li qegħdin jitolbu azzjoni leġiżlattiva huma maqsuma sew bejniethom dwar liema għandha tkun l-għażla ta' politika preferuta (jiġifieri, jekk għandhiex tintgħażel il-liġi applikabbli b'referenza għal fejn ikun l-intermedjarju rilevanti jew jekk għandhiex tingħata l-libertà tal-għażla tal-liġi). F'laqgħa ta' esperti mill-Istati Membri dwar il-kunflitti tal-liġijiet li saret f'Novembru 2017, il-maġġoranza vasta tal-Istati Membri esprimew appoġġ li ssir Komunikazzjoni li tiċċara l-fehmiet tal-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli eżistenti dwar kunflitti tal-liġijiet tal-UE.

C. Impatti tal-opzjoni ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-opzjoni ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Kemm l-opzjoni preferuta li jiġi adottat strument leġiżlattiv dwar il-pretensjonijiet kif ukoll il-ħruġ ta' Komunikazzjoni li tiċċara l-fehmiet tal-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli eżistenti dwar il-kunflitti tal-liġijiet tal-UE fejn jidħlu t-titoli huma mistennija li jkollhom impatt pożittiv (anki jekk f'livell differenti minħabba n-natura legali ta' kull opzjoni) fuq l-ekonomija, kemm fuq is-swieq finanzjarji kif ukoll fl-ekonomija reali. L-adozzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-liġi applikabbli għall-effetti ta' partijiet terzi ta' ċessjonijiet transfruntiera ta' pretensjonijiet u l-kjarifikazzjoni tal-veduti tal-Kummissjoni dwar ir-regoli eżistenti dwar il-kunflitti tal-liġijiet tal-UE dwar il-liġi applikabbli għall-effetti proprjetarji ta' tranżazzjonijiet transfruntiera ta' titoli tipprovdi ċertezza legali u b'hekk tnaqqas jew telimina r-riskju legali marbut ma' transazzjonijiet transfruntiera. Iċ-ċertezza legali tnaqqas ir-riskju ta' telf finanzjarju, ma jibqgħux jiżdiedu l-kosti ta' tranżazzjoni li jirriżultaw minn kosti minħabba diliġenza dovuta legali u jiġi promoss l-investiment transfruntier u b'hekk l-integrazzjoni tas-suq. Iċ-ċertezza legali tiffaċilita wkoll l-aċċess għal finanzjament orħas mill-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, u l-konsumaturi, peress li ċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet huwa mekkaniżmu li spiss jintuża biex jinkiseb aċċess għal kreditu orħos (pereżempju, permezz ta' fatturizzazzjoni u kollateralizzazzjoni). Żieda fl-investiment transfruntier u l-aċċess ta' kumpaniji żgħar għall-kreditu jista' jkollhom ukoll impatt soċjali pożittiv indirett. Mhux mistenni xi benefiċċju ambjentali dirett sinifikanti.

Huwa diffiċli li ssir kwantifikazzjoni tal-benefiċċji peress li r-riskji legali mhumiex ikkwantifikati. Fil-qasam tal-pretensjonijiet, l-informazzjoni dwar il-valur tal-pretensjonijiet ċeduti, dwar l-għadd ta' ċessjonijiet jew dwar jekk iċ-ċessjonijiet kinux transfruntiera jew tinżamm kunfidenzjali mill-industrija jew inkella ma tkunx irreġistrata. Fil-konsultazzjoni pubblika, kemm l-awtoritajiet tal-Istati Membri kif ukoll l-assoċjazzjonijiet tal-partijiet interessati kkonfermaw li ammont kbir ta' *data* dwar iċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet, pereżempju fuq il-kollateralizzazzjoni jew it-titolizzazzjoni, ma tinġabar la minn awtoritajiet pubbliċi, la mill-partijiet interessati u lanqas mill-assoċjazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati.
X'inhuma l-ispejjeż tal-opzjoni ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
La l-inizjattiva leġiżlattiva dwar il-pretensjonijiet u lanqas l-inizjattiva mhux leġiżlattiva dwar it-titoli ma huma mistenni li jikkawżaw xi effetti ekonomiċi, soċjali jew ambjentali negattivi. Għall-kuntrarju, dawn l-inizjattivi se jkollhom impatt ekonomiku u soċjali pożittiv permezz tal-għoti ta' ċertezza legali. L-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet uniformi dwar l-effetti fuq partijiet terzi ta' ċessjonijiet transfruntieri ta' pretensjonijiet u l-adozzjoni ta' Komunikazzjoni li tiċċara l-fehmiet tal-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet eżistenti rigward il-kunflitti tal-liġijiet li jolqtu l-effetti propjetarji ta' tranżazzjonijiet transfruntiera ta' titoli telimina r-riskju legali u, għalhekk, ir-riskju ta' telf finanzjarju, iż-żieda fil-kosti tat-tranżazzjonijiet immirati lejn li jittaffa r-riskju legali, u tippromwovi l-investiment transfruntier u l-integrazzjoni tas-suq. L-inizjattiva leġiżlattiva dwar il-pretensjonijiet tista' timponi kosti ta' adattament ta' darba fuq il-parteċipanti fis-suq (pereżempju, jekk ikun hemm bżonn li jibdlu d-dokumentazzjoni legali tagħhom). L-inizjattiva mhux leġiżlattiva dwar it-titoli ma għandhiex twassal għal xi kosti ta' konformità.
Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?
L-għoti taċ-ċertezza legali permezz tal-inizjattiva leġiżlattiva dwar il-pretensjonijiet u l-inizjattiva mhux leġiżlattiva dwar it-titoli se jkollu impatt pożittiv dirett fuq in-negozji. B'mod partikolari, l-inizjattiva leġislattiva dwar il-pretensjonijiet se tibbenefika lill-SMEs u lill-mikrokumpaniji hekk kif, meta jiġi indikat b'mod ċar u minn qabel liema liġi nazzjonali tapplika fejn jidħlu l-effetti ta' sjieda ta' ċessjonijiet ta' pretensjonijiet, dawn in-negozji jkollhom iktar opportunitajiet biex jagħżlu mekkaniżmi li permezz tagħhom ikunu jistgħu jkollhom aċċess għal finanzjament irħas permezz ta' fatturizzazzjoni u kollateralizzazzjoni transfruntiera. Iż-żieda fl-investiment transfruntier u l-aċċess minn kumpaniji żgħar għall-iffinanzjar orħos jista' jkollhom ukoll impatt soċjali pożittiv indirett fuq l-impjiegi. Rigward it-titoli, il-Komunikazzjoni se tipprovdi ċarezza għall-parteċipanti fis-suq mingħajr l-impożizzjoni ta' kosti ta' konformità li jistgħu jkunu ta' tfixkil għas-suq. Dawn il-benefiċċji jinkisbu minn intermedjarji finanzjarji u jistgħu jiġu trażmessi lill-investituri finali. Jekk tiżdied iċ-ċarezza tar-regoli applikabbli eżistenti dan ikun ta' għajnuna wkoll biex jitnaqqsu kemm ir-riskju transfruntier relatat ma' inċertezza legali kif ukoll il-kosti tat-tranżazzjonijiet relatati mal-proċess biex tinstab liema liġi hi applikabbli.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
La l-inizjattiva leġiżlattiva dwar il-pretensjonijiet u lanqas l-inizjattiva mhux leġiżlattiva dwar it-titoli ma huma mistennija li se jikkawżaw xi kosti sinifikanti fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Meta jitqies li l-miżuri proposti se jġibu ċertezza legali, huma mistennija li se jħaffu x-xogħol tal-qrati.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
Kemm l-inizjattiva leġiżlattiva dwar il-pretensjonijiet kif ukoll l-inizjattiva mhux leġiżlattiva dwar it-titoli se jkollhom effett pożittiv fuq iċ-ċertezza legali fejn jolqot l-aspetti ta' sjieda ta' tranżazzjonijiet fil-pretensjonijiet u t-titoli, b'rabta mad-dritt fundamentali għall-proprjetà. La l-inizjattiva leġiżlattiva dwar il-pretensjonijiet u lanqas l-inizjattiva mhux leġiżlattiva dwar it-titoli ma huma se jaffettwaw aspetti li jolqtu pajjiżi terzi jew il-kompetizzjoni. Peress li l-opzjoni preferuta fl-inizjattiva leġiżlattiva dwar il-pretensjonijiet tkun ibbażata fuq il-liġi dwar ir-residenza abitwali taċ-ċedent, jinħolqu sinerġiji mar-Regolament tal-UE dwar l-Insolvenza, abbażi ta' regola kompatibbli dwar il-kunflitti tal-liġijiet. Jinkisbu wkoll sinerġiji f'livell internazzjonali peress li l-liġi dwar ir-residenza abitwali taċ-ċedent hija wkoll il-liġi magħżula mill-Konvenzjoni tan-NU tal-2001 dwar iċ-Ċessjoni ta' Krediti fil-Kummerċ Internazzjonali. Għar-rigward tat-titoli, il-Komunikazzjoni se tippermetti li jkun hemm xi konverġenza madwar l-UE u possibbilment tiġi evitata, f'ċerti każijiet speċifiċi, l-applikazzjoni ta' liġijiet multipli internazzjonalment.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Il-Kummissjoni se żżomm għajnejha fuq l-impatti u l-effettività tal-inizjattivi proposti fejn jidħlu pretensjonijiet u titoli permezz ta' kwestjonarju mibgħut lill-partijiet interessati ewlenin. Dan il-kwestjonarju jista' jkun parti minn studju aktar komprensiv li se jeżamina l-iżviluppi fl-oqsma ta' tranżazzjonijiet transfruntiera fejn jidħlu pretensjonijiet u titoli. L-impatt tal-inizjattiva proposta dwar il-pretensjonijiet se jiġi evalwat f'rapport imħejji mill-Kummissjoni ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-istrument propost.